MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Numru. 1094/2004

PULIZIJA

SPETTUR LOUISE CALLEJA

SPETTUR PAUL CARUANA

VS

MARTIN CEFAI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Cefai, ta' 51 sena, bin Julian Cefai u Margherita nee' Magro, imwieled San Giljan fit-18 ta' Marzu 1953, u residenti Flat 1, St Martin, Wesgha Reggie Miller, Fgura, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 237353(M), u akkuzat talli fil-Fgura, f'Tas-Sliema, f'Birkirkara, il-Qala Ghawdex u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2004, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

a. b'ghemil zieni kkorrompa persuni ta' taht l-eta' fosthom *omissis (a), omissis (b), omissis (c), omissis (d), omissis (e)* u *omissis (f)*, liema minuri gew fdati lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, u liema delitt sar bi vjolenza, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil diversi persuni taht l-eta' kontra l-volonta' taghhom u dan bhala mezz biex huma jigu mgieghla jaghmlu xi haga, jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. bhala cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibdu jew ippermettew li jingibed xi ritratt, 'film', 'video recording' jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellhom fil-

pussess taghhom ritratt, ‘film’, ‘video recording’ jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, ‘films’, ‘video recordings’ jew xbiehat elettronici indicenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat (fol 450).

Rat il-verbal tas-7 ta’ Frar 2006, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (ara verbal a fol 435).

Rat in-nomina ta’ Dr David Cassar, Dr Ethel Felice u Dr Joseph Cassar, u r-relazzjoni minnhom esebita u mahlufa;

Rat ir-relazzjoni tal-Probation Officer u l-‘pre-sentencing report’ minnu esebit (ara dokument PO a fol 455-482);

Rat r-rapport tal-psikologa Greta Darmanin, minnha mahluf;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jinstab akkuzat b’korruzzjoni ta’ sitt subien minorenni taht l-Artiklu 203(1)(a)(c), apparti s-sekwestru llegali, l-akkuza li offenda l-pudur jew morali f’post pubbliku u li gibed jew ippermetta li jingibdu ritratti, ‘video recording’, jew xbieha elettronika indicenti, li dawn instabu fil-pussess tieghu, ghal liema akkuzi l-imputat ammetta pjenament.

Din il-Qorti pero', sabiex tasal ghal gudizzju ghaqli u proporzjonat ghall-ghemil tal-imputat, trid per forza tgharbel l-evidenza ta' dan il-kaz, sabiex tinzen l-entita' o meno tal-konsegwenti korruzzjoni.

Tajjeb li wiehed isemmi li dan il-kaz gie ghall-attenzjoni tal-Vice Squad **in segwitu ta' attentat ta' suwicidju da parti tal-minuri *omissis (g)*, li kellu biss disa' snin**, u fl-investigazzjoni ta' dan l-attentat ta' suwicidju imwettqa mill-Ispettur Raymond Aquilina u l-Ispettur Raymond Cassar, **sar maghruf li dan it-tifel ta' disa' snin kien qed jabbuza sesswalment lil ohtu ta' tmien snin, wara li dawn iz-zewgt itfal kienu gew esposti ghal ammont ta' materjal pornografiku fuq l-'internet', minn habib taghhom li kellu ghaxar snin.** Minn iktar investigazzjoni, l-Ufficjali Prosekuturi sabu li dan it-tifel ta' ghaxar snin, minn naha tieghu, kien gie mnawwar u korrott minn **tifel iehor ta' tlettax-il sena, u cioe', certu *omissis (f)*.**

Minn investigazzjoni ulterjuri, il-Pulizija saru jafu li dan *omissis (f)* ta' tlettax-il sena kellu f'idejh ammont ta' materjal pornografiku li beda jxerrdu u jurih lil tfal ohra. Il-Pulizija nvestigaw lill-minuri *omissis (f)*, **u sar maghruf illi l-imputat Martin Cefai kien f'kuntatt mal-minuri *omissis (f)* u filfatt kien l-'ex teacher' tieghu, u li dan it-tifel kien qed juza' l-'website' tal-imputat Martin Cefai, u cioe', www.charliefufu.com, kif ukoll l-'e-mail address' tieghu, martincefai@hotmail.com.**

Spettur Louise Calleja, fix-xhieda taghha, infurmat lill-Qorti illi rrizultalha li l-imputat kien iltaqa' ma' *omissis (f)* almenu f'zewg okkazjonijiet, kien hadu fil-karozza, u pprova jabbuza minnu sesswalment. Illi in segwitu ta' dan kollu, l-Ufficjali Prosekuturi kisbu mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat Martin Cefai, u gew elevati l-'computers' u materjal iehor assocjat, kemm mill-post tax-xoghol tieghu, u cioe' *omissis*, kif ukoll mir-residenza tal-imputat.

Illi minn informazzjoni li mbaghad inkisbet minn analizi tal-materjal kollu li gie elevat minn din it-tfittxija permezz tas-Sezzjoni tac-Cyber Crime, l-Ufficjal Prosekutur xehed illi

rrizulta li kien hemm ukoll il-minuri ***omissis (a)***, ***omissis (b), omissis (d), omissis (c)*** **u** ***omissis (e)*****, li kellhom kuntatt mal-imputat.** L-Ispettur Calleja kkonfermat illi *omissis (a)* ta' sbatax-il sena kkonferma illi kien sar jaf lill-imputat bhala **ghalliem tieghu**, u li kien jigi abbuzat minn mindu kellu **erbatax-il sena**, u li dan il-kuntatt beda ghaliex l-imputat kien it-'teacher' tieghu fl-iskola fejn kien jattendi, u cioe', **St Patrick's School**.

*Omissis (a)* kien informa lill-Ufficjal Prosekutur li kien hemm okkazjoni fejn l-imputat Cefai kien filfatt **hadu fir-residenza ta' persuna ohra, rabtu ma' sodda, u hemmhekk kienu saru atti fuqu, speci ta' 'torture' li kien jigi rrectat,** fejn il-minuri *omissis a* kien idahhal l-istonku tieghu, u kien jigi mgieghel li jimmagina li ghandu sikkina ma' l-istonku, pero' f'okkazjoni minnhom, fir-realta', ***omissis (a)*** **kien qala' daqqa ta' mazza fl-istonku**. Mistoqsi dwar l-ugiegh, *omissis (a)* kien spjega illi l-imputat kien jghidlu l-kliem bhal **'hu gost bl-ugiegh'**, u ghalhekk, b'dan il-mod, *omissis (a)* kien jaccetta l-ugiegh bhala parti mill-atti li kienu jsiru fuq il-persuna tieghu. *Omissis (a)* spjega wkoll lill-Ispettur Calleja li kien ittiehed f'residenza ta' persuna ohra f'Ghawdex, fejn hemmhekk ukoll kienu saru xi atti sesswali fuqu. **Dan l-abbuz kien baqa' ghaddej ghal sentejn shah, u l-abbuz kien isir bi frekwenza ta' darbtejn fil-gimgha mill-imputat Cefai, li anke sahansitra abbuza minn dan il-minuri waqt li kien fil-karozza tieghu.**

*Omissis (a)* ikkonferma wkoll li f'okkazjoni minnhom, waqt li huwa kien fil-karozza tal-imputat**, l-istess imputat kien talbu biex jerga' jdahhal l-istonku tieghu kemm jista', u mbaghad qabad il-'lighter' tal-karozza, u ghamilhielu mal-istonku u harqu. Filfatt *omissis (a)* wera l-'scar' ta' din il-harqa lill-Ispettur Calleja.**

L-Ispettur Calleja xehdet illi ***omissis (b)*** ikkonferma wkoll li huwa kien gie abbuzat sesswalment mill-imputat Martin Cefai, **u dan meta kellu erbatax-il sena.** Ikkonferma li kien ittiehed Ghawdex go dar partikolari ta' persuna ohra, pero', f'din id-dar, ma kienx jaf jekk kemm-il darba sarx l-abbuz, ghaliex kien fi stat ta' sokor kbir, u allura ma setax

jiftakar. Spjega pero', illi l-imputat kien hadu Bahar ic-Caghaq almenu zewg okkazjonijiet, u kien qaghad jimmasturba lill-istess minuri. *Omissis (b)* spjega lill-Ufficjal Prosekutur kif kompliet din ir-relazzjoni, u kemm kien difficli ghalih biex johrog mill-istess relazzjoni minhabba l-kliem li kien jghidlu l-imputat Cefai. Infatti, kif ghalaq tmintax-il sena, l-imputat kien irregalalu wahda mill-karozzi li kellu, u cioe', Citroen, f'gheluq sninu.

Spettur Calleja xehdet li *omissis (b)* spjega wkoll kif kien jigi ssikkat mill-attenzjoni tal-imputat Cefai b'messaggi kontinwi, u kif l-imputat kien sahansitra jixtrilu l-'cards' tal-'mobile' halli *omissis (b)* ikun obbligat li jibqa' f'kuntatt mieghu. *Omissis (b)* spjega illi l-imputat kien jaqtaghlu qalbu ghar-rigward ta' relazzjonijiet ma' tfajliet, u tant spicca mdejjaq *omissis (b)*, li ra kif ghamel u beda jahdem mhux biss 'full time job' imma ukoll 'part time job' filghaxijiet, sabiex ikun jista' jqatta' hafna hin 'l boghod mill-imputat. Spettur Calleja xehdet li giet mgharrfa minn *omissis (b)* li Cefai lanqas biss ma kien ihallih imur Paceville. ***Omissis (b)* ukoll kien jattendi l-iskola ta' St Patrick's, Tas-Sliema.**

***Omissis (d)*, li wkoll meta kien ghadu minuri kien jattendi l-iskola St Patrick's, Tas-Sliema**, ikkonferma mal-Ufficjal Prosekutur li sar jaf lill-imputat peress li dan kien '**teacher' fl-iskola, izda l-abbuz ma kienx isir l-iskola, izda *f'omissis*,** u cioe' l-iskola tal-imputat u ta' huh. *Omissis (d)* kien jattendi dawn il-'computer sessions' u kien hemmhekk illi l-imputat kien jabbuza minnu fl-iskola fejn jinghataw dawn il-korsijiet tal-'computer'. *Omissis (d)* kkonferma li hu kien gie **abbuzat mhux biss minn Martin Cefai, imma minn persuna ohra li gie ntrodott mill-istess Martin Cefai. *Omissis (d)* kkonferma li dan it-tieni abbuz sar minn persuna ohra fil-Fgura u gewwa Birkirkara (ghandu jinghad li ghar-rigward tat-tieni persuna, dan ukoll ittiehdu passi kriminali kontra tieghu).**

**L-Ispettur Calleja ddeponiet illi *omissis (c)*, a fol 16, ukoll ikkonferma li huwa kien gie abbuzat sesswalment mill-imputat Cefai u minn persuna ohra,**

u dan mhux ghax kien jattendi St Patrick’s School, **imma ghaliex kien imur *omissis*, biex jitghallem il-‘computer’**. *Omissis (c)* kkonferma li l-imputat kien talbu biex jippoza ghal xi ritratti, u l-Ufficjal Prosekutur Calleja kkonfermat li **dawn ir-ritratti gew misjuba fuq il-‘mobile phone’ tal-imputat Cefai, u anke fuq il-‘computer’ tieghu, u dan ukoll gie ammess mill-imputat fl-istqarrija li ttiehdet mill-Pulizija.**

*Omissis (c)* kkonferma li l-imputat kien jghidlu diskors bhal **li xtaq idendel lilu (*omissis (c)*) rasu ‘l isfel ma’ sigra, jew inkella li jorbtu mas-sodda,** izda filfatt *omissis (c)* qatt ma ghamel dawn l-affarijiet. *Omissis (c)* kkonferma li huwa neza’ u ttiehdu ritratti tieghu mill-imputat Cefai, u wkoll ikkonferma li hu wkoll kien gie muri r-ritratti ta’ subien gharwenin fejn juru l-istonku tas-subien, u mbaghad l-imputat Cefai jaghmel ‘super imposition’ u juri xabla mal-istonku u demm hiereg mill-istonku, pero’ dawn kienu jkunu biss ‘super imposed’ fuq ir-ritratti tas-subien. ***Omissis (c)* wkoll ikkonferma li kien gie abbuzat minn persuna ohra li kienet giet introdotta mill-imputat Cefai.**

*Omissis (e)*, f’dan l-istadju tal-investigazzjoni, kien qieghed imsiefer.

L-imputat, fid-19 ta’ Dicembru, irrilaxxa stqarrija ta’ sitt pagni, wara li nghata s-solita twissija, fejn ikkonferma l-verzjonijiet li kienu taw il-minuri lill-Ufficjal tal-Pulizija. L-istqarrija giet esebita bhala dokument LC1.

Il-Qorti mbaghad waslet biex tikkunsidra x-xhieda ta’ l-Ispettur Paul Caruana, u r-rapporti minnu esebiti dokumenti PC1, 2, 3, u 4 u ezaminat il-kontenut esebit f’dawn ir-rapporti, kemm mill-kwalita’ u kif ukoll il-kwantita’ tar-ritratti (ara xhieda a fol 63-404).

Spettur Caruana kkonferma s-‘searches’ li kienu saru fl-ufficju tal-imputat kif ukoll id-dar tieghu, u l-materjal kollu li gie elevat.

Illi in oltre, Spettur Caruana, fix-xhieda tieghu minn fol 343-352, ta fid-dettall deskrizzjoni tat-tip ta’ materjal li

nstab fil-pussess ta' Martin Cefai, kif ukoll il-kontenut ta' skambju ta' 'e-mails' bejn l-imputat u dawn il-minuri. Id-dettalji tal-konversazzjonijiet ta' din il-manjiera ta' komunikazzjoni, jinstabu kontenuti fir-rapport PC4, minn fol 353-404.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tat-tliet psikjatri minnha nominati, dokument DC, kif mahlufa minnhom a fol 425 etc**, fejn ikkonkludew li l-imputat Martin Cefai ma jbati minn ebda kundizzjoni ta' sahha mentali li twaqqfu milli jidher il-Qorti u jiehu parti fil-kawza tieghu.**

Il-Qorti mbaghad rat u ezaminat dokument PO a fol 45 et seq, u cioe', il-'pre-sentencing report' tal-Probation Officer Victoria Grech, li rrakkomandat piena ta' prigunerija li fiha tinkorpora terapija mehtiega ghall-imputat sabiex dan ikun jista' jahdem fuq il-problemi ta' natura psikjatrika u psikologika li ghandu.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll ir-rapport ta' Greta Darmanin, Clinical Psychologist, u l-'psychological report', dokument X, li jinstab a fol 488. Il-Qorti rat u ezaminat ukoll il-konkluzjonijiet tal-istess Greta Darmanin, a fol 498 u 499.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda taghha a fol 519 et seq, fejn Greta Darmanin ikkunsidrat li l-imputat kien '**a situational offender', u cioe', persuna li meta ssofri minn hafna 'stress', ikollu tendenzi li jibda' jiffantasizza fuq tfal**. **Infatti tghid illi kemm 'stress' kif ukoll 'depression' u 'fluctuating psychological states' filfatt jipprovokaw dawn il-fantasiji**, **u kkonfermat li bil-medikament li qed jircievi l-imputat, kif ukoll bit-'therapeutic sessions' li qed jircievi, huwa f'pozizzjoni ferm ahjar biex jikkontrolla ruhu, u dan aktar u aktar in vista tal-fatt li filfatt accetta u identifika ruhu bhala omosesswali.**

Dr Joseph Spiteri, a fol 517, xehed ukoll fuq il-progress li ghamel l-imputat fil-mori tal-kawza, fejn minn stat ta' xokk psikologiku , 'depression' qawwija u agitazzjoni kbira, l-imputat, wara li beda jiehu l-medikazzjoni u kura psikologika, ghamel hafna progress u mexa 'l quddiem fl-

istat mentali tieghu, li sar allura stabbli. Dr Spiteri wkoll accenna ghal diversi problemi fizici li kellu jghaddi minnhom l-imputat, u r-rimors kostanti u prolungat li wera l-imputat ghal ghemilu. **Dr Spiteri kompla jghid li l-imputat Cefai ghandu mill-inqas sena ohra fit-terapija li qed isegwi prezentement. Ikkonferma illi huwa kellu koperazzjoni shiha da parti tal-pazjent tieghu, l-imputat.**

Ikkunsidrat:-

Illi mbaghad, minn dokument LC a fol 20, l-imputat stess jammetti illi ha sehem f'atti sesswali, inkluz il-mess ta' organi genitali, masturbazzjoni,  sess orali ma' whud mill-minuri ndikati fl-istqarrija; li gibed filmati fuq l-istess minuri; ammetta l-'fetish' tieghu ghar-rigward 'stomach torture'; ammetta wkoll illi haraq permezz ta' 'lighter' lil *omissis (a)* fl-istonku tieghu; u li whud minn dawn l-atti sesswali twettqu f'postijiet esposti ghall-pubbliku, u cioe', fil-karozza tieghu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat iddikjara li ddispjacieh hafna ghal dak li ghamel u xtaq l-ghajnuna.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jinstab akkuzat b'korruzzjoni ta' sitt minorenni ndikati fl-akkuza, li ghalihom huwa ammetta pjenament. Illi mix-xhieda tal-Ispettur Louise Calleja, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, u dawk l-atti sesswali li ghalihom huwa ammetta, irrizulta b'mod car illi l-mess minn adult tal-parti genitali ta' minuri, il-masturbazzjoni u s-sess orali certament jinkwadraw taht 'lewd acts' kif trid il-ligi.

Infatti, fis-sentenza The Police vs Thomas Wiffen, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1996 jinghad is-segwenti:

*'For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which, either by their very nature or of the circumstances in which they are performed, either are directed to the indulgence of the sexual appetite, either of*

*the agent or of the victim, and are capable of arousing sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question.'*

Id-durata ta' dawn l-atti hija mmaterjali ghan-nozzjoni ta' 'lewd act' (ibid a fol 150 Volume LXXX 1996 part 4):

*'For the subsistence of the crime, it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime if the remembrance of such acts is calculated to cause a defilement.* ***Indeed, according to our Law, if the victim is under twelve years of age, that is, a reason for aggravating the crime.'*** *(notes on the Criminal Law per Sir Anthony Mamo at page 226).*

Il-Qorti rat ukoll illi l-akkuza taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (cioe' illi l-imputat offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar fil-pubbliku), giet pjenament ammessa fl-istqarrija tal-imputat, dokument LC a fol 20 et seq, meta jghid illi certu minn dawn l-atti saru meta huwa kien fil-karozza mal-minuri.

Dana japplika wkoll ghar-raba' akkuza, u cioe', dik mahsuba taht l-Artikolu 208 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' illi l-imputat gibed ritratti, 'films' jew 'video recordings' jew xbieha elettronika jew indicenti, jew li kellu l-istess fil-pussess tieghu. Apparti l-ammissjoni tieghu ghat-tehid ta' xbihat ta' diversi minuri bi ftit li xejn ilbies, gie misjub kwantita' konsiderevoli ta' materjal, apparti l-kontenut tal-kommunikazzjoni elektronika.

L-istess pero', ma jistax jinghad ghat-tieni akkuza, u cioe' dak li jirrigwardja l-arrest illegali jew is-sekwestru ta' persuna tal-minuri. Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza tal-Qorti Kriminali recentissima, u cioe', Ir-Repubblika ta' Malta vs Denis Pandolfino u Anthony Pandolfino, deciza fid-19 t'Ottubru 2006, fejn filfatt, il-Qorti Kriminali ma sabitx li kien hemm provi bizzejjed biex jirrizulta l-akkuza tas-sekwestru tal-persuna, taht l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali:

*'Issa f'dan il-kaz jirrizulta li dawn iz-zewg minuri spiccaw mal-akkuzati mhux ghax inhatfu jew ghax gew minnhom rispettivament kostretti, imma ghax intbaghtu hemm mill-genituri taghhom…omissis……. Infatti, il-manjiera li biha twettaq l-att sesswali kien ingredjent jew element mill-akkuza ta' stupru vjolenti jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni'. (ibid a fol 54 u 55 tas-sentenza).*

Illi filfatt, anke fil-kaz in ezami, il-provi juru illi l-imputat f'ebda hin ma sforza lill-minuri biex jaghmlu l-atti sesswali, jew sakkarhom jew uza' xi forza attiva fuqhom sabiex jaghmel dak li ghamel. Illi l-irbit illi gie menzjonat kienet parti ntegrali mill-att sesswali, u ghaldaqstant, ma jikkonfigurax ghall-akkuza ta' sekwestru fuq il-persuna, ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 9.

Illi l-Qorti, fuq l-istess ammissjoni tal-imputat, issib lill-imputat Martin Cefai hati tal-ewwel, it-tielet, u r-raba' akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 203(1)(a)(c), 209 u 208A(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-aggravju ta' persuna li lilha tkun temporanjament fdata minuri (u mhux ghaliex nstabu xbiehat ta' minorenni taht d-disa' snin), tikkundanna lill-imputat ghal sitt snin u sitt xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

In oltre, il-Qorti tordna li l-imputat ikompli jircievi dawk il-medicinali u terapiji ohra li qieghed prezentement jircievi mill-psikjatra tieghu Dr. Spiteri, u psikologa Greta Darmanin, ghal perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, biex waslet ghal din il-piena, hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz :

1. il-fatt illi dan il-kaz si tratta dwar korruzzjoni, mhux ta' minuri wiehed, izda ta' **almenu** s-sitt minorenni li bihom jinstab mixli l-imputat;
2. il-pozizzjoni ta' fiducja illi l-imputat kien jokkupa meta kien ghalliem fl-iskola ta' St Patrick's, Tas-Sliema,

liema pozizzjoni ghenitu sabiex ihajjar it-tfal jitghallmu il-‘computer’ fit-Training Centre li kellu;

3. il-fatt illi whud minn dawn il-minuri kienu tfal diga’ zvinturati, fis-sens illi kienu tfal fdati fl-istituzzjoni ta’ St Patrick’s, u ghaldaqstant kienu tfal, mhux biss vulnerabbli, izda izolati u x’aktarx minghajr support adegwat minn uhud mill- familji taghhom;

4. id-durata li fih twettaq l-imsemmi abbuz u cioe’ li dan ma kienx okkazjoni izolata izda ghal kuntrarju, l-abbuz twettaq fuq tul ta’ snin;

5. l-import u l-konsegwenzi tal-korruzzjoni ta’ diversi tfal f’dan il-kaz;

6. il-fatt li l-korruzzjoni tal-minorenni twettqet ukoll permezz ta’ rigali kbar u zghar;

7. il-konkluzjonijiet tal-‘pre-sentencing report’ li wkoll irrakkomandaw piena ta’ prigunerija;

8. l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

9. il-fedina penali tieghu;

10. ir-rimors kbir li huwa wera;

11. il-volonta’ tieghu sabiex hu jippartecipa bis-shih fit-terapija li ghandu bzonn;

12. ir-rapporti favorevoli tal-psikologa u psikjatra tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------